II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' April 2008

dwar rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza tat-tfal li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għal-lajters skond id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/357/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti [1], u partikolarment l-Artikolu 4(1) (a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/95/KE tistipula l-obbligu għall-produtturi li jqiegħdu biss prodotti mingħajr periklu fuq is-suq.

(2) Skond id-Direttiva 2001/95/KE, prodott jitqies mingħajr periklu, sa fejn għandhom x'jaqsmu r-riskji u l-kategoriji ta' riskji koperti mill-istandards nazzjonali rilevanti, meta jkun konformi ma' l-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej.

(3) Id-Direttiva 2001/95/KE tistipula li l-istandards Ewropej għandhom jiġu stabbiliti mill-istituzzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej. Standards bħal dawn għandhom jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva.

(4) Il-lajters huma prodotti minnhom infushom perikolużi peress li jipproduċu fjamma jew sħana u minħabba li fihom likwidu jew gass li jista' jaqbad, li bosta drabi jkun taħt pressa. L-aktar riskji evidenti potenzjali assoċjati ma' l-użu ħażin tal-lajters huma nirien, ħruq u faqqaturi li jistgħu jwasslu għal splużjoni fil-preżenza ta' għajn ta' sħana.

(5) Il-lajters mhumiex għat-tfal. Madankollu, l-użu ħażin tal-lajters, speċjalment minn tfal żgħar, mhux rari u għandu jitqies meta nevalwaw is-sikurezza ta' dawn il-prodotti. Dan huwa partikolarment rilevanti għal-lajters li jintremew wara l-użu, li jinbiegħu ħafna, ta' spiss f'pakketti ta' aktar minn lajter waħda u wżati mill-konsumaturi bħala prodotti ta' valur baxx, li jintremew, kif ukoll għal lajters li b'mod partikolari jappellaw għat-tfal iż-żgħar minħabba l-forma jew il-karatteristiċi ta' mgħodija ta' żmien meqjusa attraenti għat-tfal.

(6) L-użu ħażin tal-lajters mit-tfal iż-żgħar jista' jwassal għal nirien li jikkawżaw ħsarat personali u ekonomiċi konsiderevoli, inklużi mwiet. Għalhekk, il-lajters jippreżentaw riskju serju fir-rigward ta' l-użu ħażin mit-tfal.

(7) Fl-1998 il-Kummissjoni ħarġet il-mandat ta' standardizzazzjoni nru. M/266 lis-CEN dwar is-sikurezza ta' konsumaturi u tfal fir-rigward ta' lajters, li minnu rriżulta l-Istandard Ewropew EN 13869:2002: Lajters - Resistenza għat-tfal għal-lajters - Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar.

[1] ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

(8) Minħabba l-fatt li s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi jitqiegħdu f'periklu, b'mod partikolari, bl-abilità tat-tfal iżżgħar u l-probablità li joperaw jew jużaw ħażin lajters, u li dan ir-riskju jista' jiġi eliminat b'mod effettiv b'miżuri xierqa biss applikabbli fuq livell Komunitarju, il-Kummissjoni adottat fil-11 ta' Mejju 2006 id-Deċiżjoni 2006/502/KE [1] skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE li teħtieġ mill-Istati Membri li jieħdu miżuri biex jiżguraw li dawk il-lajters biss li huma reżistenti għat-tfal jitqiegħdu fis-suq u biex jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lajters novità.

(9) Minħabba l-fatt li d-Deċiżjonijiet adottati skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE huma miżuri temporanji b'validità ta' mhux aktar minn sena, u jistgħu jiġu estiżi b'perjodi ta' mhux iktar minn sena kull waħda, il-Kummissjoni adottat fit-12 ta' April 2007 id-Deċiżjoni 2007/231/KE [2] li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE b'sena.

(10) Minkejja li EN 13869 m'għandix referenza fil-Ġurnal Uffiċjali skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/95/KE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE xorta tagħti suppożizzjoni ta' konformità lil-lajters li huma konformi ma' l-istandards nazzjonali li jittrasponu EN 13869.

(11) Fid-dawl tal-ħtieġa li jsir użu minn soluzzjonijiet tekniċi xierqa għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti ta' sikurezza tat-tfal fil-lajters, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni ma' l-għaqdiet ta' standardizzazzjoni Ewropej u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, identifikaw il-ħtieġa ta' reviżjoni ta' EN 13869.

(12) Il-problema ewlenija identifikata fl-istandard preżenti hija li wieħed jafda fuq l-ittestjar fuq kampjun (*panel testing*) fir-rigward tat-tfal biex isib jekk lajter hijiex tassew reżistenti għat-tfal. Filwaqt li l-ittestjar fuq kampjun wera li huwa metodu ta' min jafda fuqu, ikun xieraq li jiġu identifikati metodi alternattivi biex tiġi ddeterminata r-reżistenza għat-tfal tal-lajters, sakemm kull alternattiva tkun ta' l-inqas daqstant effettiva u affidabbli. Flimkien ma' dan, id-definizzjoni preżenti ta' lajters li jappellaw b'mod partikolari għat-tfal (l-ħekk imsejjħa "lajters novità") hija miftuħa għal kull interpretazzjoni, u dan jista' jwassal għal applikazzjoni mhux uniformi tal-projbizzjoni fuq dawn il-lajters. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet oħra sabiex l-istandard ikun jista' jissodisfa r-rwol tiegħu b'mod sħiħ billi jiġu pprovduti s-soluzzjonijiet tekniċi xierqa.

(13) Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza tat-tfal għal-lajters għandhom jitfasslu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE, bl-għan li l-istituzzjonijiet ta' standardizzazzjoni jintalbu li jirrevedu EN 13869, skond il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE [3] għall-provvista ta' tagħrif fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi, u sabiex tkun tista' ssir il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-istandard rivedut.

(14) Malli r-referenza għall-istandard rivedut tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali, il-lajters immanifatturati skond l-istandard se jkun preżumibbli li huma konformi mar-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodott, sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rekwiżiti speċifiċi dwar is-sikurezza tat-tfal koperti mill-istandard.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skond id-Direttiva 2001/95/KE,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob l-istituzzjonijiet ta' standardizzazzjoni rilevanti li jemendaw l-istandard rilevanti għal-lajters.

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni:

"lajter" tfisser tagħmir li jitħaddem manwalment li jipproduċi fjamma permezz tal-fjuwil, li normalment jintuża għat-tqabbid tan-nar b'mod deliberat, partikolarment għas-sigaretti, is-sigarri u l-pipi, u li prevedibilment jista' jintuża għat-tqabbid ta' materjal bħal karti, ftejjel, xemgħat u fanali, immanifatturat bi provvista integrali ta' fjuwil, kemm jekk maħsuba biex timtela'-mill-ġdid bil-fjuwil kemm jekk le.

[1] ĠU L 198, 20.7.2006, p. 41.
[2] ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16.
[3] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

"lajter reżistenti għat-tfal" tfisser lajter ddisinjata u mmanifatturata b'tali mod li ma tkunx tista', f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli, titħaddem minn tfal iżgħar minn 51 xahar minħabba, pereżempju, is-saħħa meħtieġa biex titħaddem jew minħabba l-mod kif tkun iddisinjata jew il-protezzjoni tal-mekkaniżmu tat-tqabbid tagħha, jew l-kumplessità jew is-sekwenza ta' tħaddim meħtieġa għat-tqabbid

"lajter li tappella għat-tfal" tfisser lajter li d-disinn tagħha jixbaħ b'xi mod oġġett ieħor li huwa magħruf bħala li jappella għat-tfal iż-żgħar jew li jkun maħsub biex jintuża minn tfal taħt 51 xahar ta' età.

Artikolu 2

Rekwiżiti

1. Għall-għan ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza tat-tfal għal-lajters għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) Il-lajters għandhom ikunu reżistenti għat-tfal sabiex tonqos għall-aħħar l-abilità u l-probabilità tat-tfal iżgħar minn 51 xahar ta' età li jħaddmuhom;

(b) Il-lajters m'għandomx jappellaw għat-tfal iżgħar minn 51 xahar ta' età.

2. Il-paragrafu 1(a) m'għandux japplika għal-lajters maħsuba biex jimtlew mill-ġdid li għalihom il-produtturi jipprovdu mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti d-dokumentazzjoni meħtieġa li tipprova li l-lajters ġew disinjati, immanifatturati u mqiegħda fis-suq b'mod li jiżgura użu kontinwu mistenni mingħajr periklu tul perjodu ta' mill-inqas ħames snin, suġġetti għat-tiswija, u li jissodisfaw b'mod partikolari ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) garanzija bil-miktub ta' mill-inqas sentejn mill-produttur għal kull lajter, skond id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1];

(b) il-possibilità fil-prattika li tissewwa u timtela' mill-ġdid mingħajr periklu tul il-perjodu ta' ħajja tagħha, inkluż b'mod partikolari mekkaniżmu ta' tqabbid li jissewwa;

(ċ) partijiet li mhumiex konsumibbli, iżda li x'aktarx jittieklu jew isiru difettużi bl-użu kontinwu wara l-perjodu ta' garanzija, ikunu aċċessibbli għal tibdil jew tiswija minn servizz ta' wara l-bejgħ awtorizzat jew speċjalizzat ibbażat fl-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 23 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni
Meglena KUNEVA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12.